# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem: ______________________________** **Klassi: ______________**

**Taqsima A**
**Imla l-vojt b'dawn il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Soċjalizzazzjoni Primarja | Dinamika | Estiża | Nukleari | Funzjonijiet |
| Simetrika | Istituzzjoni Bażika | Valuri | Normi | Sigurtà Emozzjonali |

Il-familja hija meqjusa bħala ________________________________ ta' kull soċjetà.

Il-familja għandha żewġ ______________________________ primarji. Dawn huma:

a. il-familja sservi bħala ambjent ta' ______________________________;

b. tgħin fil-bini ta' personalità u tagħti ______________________________ lill-membri tagħha.

Il-familja huwa l-ewwel ambjent importanti fejn nieħdu dawk il-_________________________ u _________________________ ta' imġiba bit-tħejjija għall-ħajja fis-soċjetà. Il-familja illum saret waħda _________________________, għaliex trid tlaħħaq mal-bidliet kontinwi fis-soċjetà li qiegħda tinbidel. Fis-soċjetà tal-lum nistgħu ngħidu li l-familja, minn waħda _________________________ saret familja _________________________ għalhekk saret waħda iżgħar u dipendenti. Illum ir-responsabbiltajiet qed jinqasmu ndaqs u għalhekk saret familja _________________________.

**10 marki**

**Taqsima B**
**Qabbel il-lista A mal-B billi tikteb numru fil-kolonna tan-nofs.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Interazzjoni soċjali | | Programm ta' tagħlim mill-5 sa 16-il sena. |
| 2. | Status soċjali | | Proċess ta' tagħlim ta' normi u valuri fl-imġiba soċjali. |
| 3. | Proċess ta' l-iżvilupp | | Persuna li tippreferi tkun waħedha, titkellem mill-inqas, taħdem waħedha aktar milli ma' l-oħrajn. |
| 4. | Kurrikulu | | Il-mod ta' kif membri tas-soċjetà jġibu ruħhom u kif dan jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra. |
| 5. | Istituzzjonijiet | | Regoli ta' mġiba. |
| 6. | Soċjalizzazzjoni | | Komunikazzjoni u relazzjoni bejn individwi u gruppi. |
| 7. | Persuna introverta | | Ix-xogħol jew funzjoni tagħna fis-soċjetà li jġib miegħu drittijiet u dmirijiet. |
| 8. | Kultura | | Ngħixu fih il-ħin kollu. |
| 9. | Normi | | Strutturi fis-soċjetà, bħal gvern, knisja u qrati. |
| 10. | Rwol | | Il-pożizzjoni ta' l-individwi fis-soċjetà, fil-familja, fl-iskola, fuq ix-xogħol, fil-ħajja politika, bħala membri tal-knisja. |

**Total 10 marki**

**Taqsima Ċ**
**Aqra din is-silta u wieġeb.**

Bħala nies soċjali, aħna għandna l-bżonn li nibnu relazzjoni ma' persuni oħra. Din il-ħtieġa ġejja mill-istess natura tagħna ta' bnedmin u sabiex l-imġiba tagħna tkun b'saħħitha.

Ningħaqdu fi gruppi ta' ħbieb li jiffurmaw ruħhom għax ikollhom l-istess interessi minħabba l-fatt li jkunu jinsabu fl-istess sitwazzjoni tal-ħajja, fl-iskola jew fil-grupp ta' l-isports jew gruppi oħrajn. Huma l-ħbieb li bejniethom jiffurmaw grupp immexxi mill-istess għanijiet, normi u valuri. Il-membri ta' dan il-grupp joħolqu relazzjoni ta' ħbiberija intima bejniethom. Dan jissejjaħ grupp primarju.

1. X'tifhem bil-frażi "nies soċjali"?

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

2 marki

2. Il-ħbieb jistgħu jkollhom karattru introvert jew extrovert. Spjega d-differenza bejniethom.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2, 2 marki

3. X'differenza tgħaddi bejn grupp primarju u grupp sekondarju?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2, 2 marki

4. Għaliex il-grupp tal-ħbieb huwa mportanti għall-bniedem?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2 marki

5. Semmi żewġ gruppi differenti fejn wieħed jista' jmur biex ma jkunx waħdu.

____________________ ____________________

2 marki

6. Semmi tliet żvantaġġi li jkollu individwu meta ma jgħixx ma' l-oħrajn.

a. _______________________________________________

b. _______________________________________________

c. _______________________________________________

3 marki

7. X'tip ta' dmirijiet jista' individwu jkollu meta jkun fi grupp? Semmi mill-inqas erba' minn dawn id-dmirijiet.

4 marki

8. X'tifhem bil-kelma valuri? Taħseb li huma mportanti biex il-grupp jimxi sew? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

4 marki

**Total 25 marka**

**Taqsima D**
**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Għaliex il-familja hija l-aktar grupp soċjali mportanti għas-soċjetà?

3 marki

2. Semmi żewġ differenzi bejn il-familja tal-lum u ta' qabel.

2 marki

3. Semmi żewġ tipi ta' familja li nsibu fis-soċjetà tagħna.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2 marki

4. L-edukazzjoni tista' tkun b'mod formali u informali. Spjega billi tagħti eżempji biex issaħħah it-tweġiba tiegħek.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3, 3 marki

5. Taħseb li tagħlim informali huwa mportanti għall-istudent? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3 marki

6. Taħseb li l-Istudji Soċjali huwa mportanti għall-istudenti? Agħti mill-inqas tliet raġunijiet.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3 marki

7. Illum qed ngħixu f'dinja tat-teknoloġija. Xi rwol għandha l-edukazzjoni f'dan il-qasam?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3 marki

8. L-anzjan qiegħed jgħix aktar. Kif qed taffettwa ir-rwol ta' l-anzjan fil-familja?

3 marki

**Total 25 marka**

**Taqsima E**

Nisimgħu ħafna fuq klandestini, refuġjati u immigranti irregolari. Dawn jgħaddu minn ħafna perikli biex isibu ħajja aħjar. Taħseb li għandna nuru solidarjetà magħhom. Kif għandna nuru solidarjetà magħhom?

**10 marki**

**Taqsima F**

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 150 kelma.**

1. Ir-rwol tal-familja fis-soċjetà

2. L-edukazzjoni tul il-ħajja hija bżonn illum.

3. Kif nista' nuża t-talenti għall-ġid ta' ħaddieħor. **20 marka**